MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1237/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Louise Calleja)**

**vs.**

**John Bartolo u**

**Conrad Bonett**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

John Bartolo, ta’ 49 sena, bin il-mejjet Paul u l-mejta Emanuela nee’ Micallef, imwieled Naxxar fit-18 ta’ April, 1957, u residenti il-Palma, Triq il-Missjunarji Maltin, Mosta, detentur tal-Karta tal-Identita numru: 349657(M) u;

Conrad Bonett ta’ 32 sena, bin Godwin u Josephine nee’ Zarb, imwieled San Giljan fil-11 ta’ Frar, 1974 u residenti Bugibba Court No 4, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, detentur tal- karta tal-identita numru: 102474M

Akkuzati talli:

1. Fit-18 ta’ Novembru, 2006, u fil-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, f’stabiliment f’San Pawl il-Bahar, zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikoli (1) (3) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala l-persuni responsabbli minn hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta’ laqgha ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Art. 9 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhal sidien jew bhala l-persuni li kellhom f’idejhom l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond iehor illi xjentement taw b’kiri jew ippermettew l-uzu taghhom ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Art.10 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. U aktar akkuzati talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala operaturi ta’ attivatijiet turistici hallew l-post f’xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew il-moralita’ pubblika u dan bi ksur tal-Art.7 tal-A.L. 128/2002.
5. U aktar fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer impjegaw, jew taw xoghol lil, xi persuna li ma tkunx persuna ezenti u li ma jkollhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-

Immigrazzjoni, Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew b’mod iehor ghenu jew assistew lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-ghemil ta’ reat mahsub fl-Artikolu 23 tal-istess Att u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1)(b) tal-istess Att.

6. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer impjegaw persuna minghajr licenzja u dan bi ksur tal-Art.5(9) tal-A.L. 205 tal-2004.
7. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, bhala principali, impjegaw xi persuna li ma kienitx cittadin ta’ Malta, liema persuna ma kellhiex permess tax-xoghol u dan bi ksur ta’ l-artiklu 7 Avviz legali 1993.

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ kundanna ghal reat taht l-Ordinazzjoni Dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta’ liema jkun sar ir-reat skont l-Artikolu 14 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ kundanna ghal reat tordna s-sospensjoni jew it-thassir ta’ kull licenzja mizmuma minn Paul Jason Degiorgio (sic) u li tkun relattiva ghal kummerc jew negozju jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn kienet impjegata dik il-persuna msemmija aktar il’fuq u dan skont l-artikolu 7 ta’ l-Avviz Legali 110/1993.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fil-5 ta’ Dicembru, 2006, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz;

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Regghet semghet it-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tal-imputat John Bartolo.

Rat li fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2011[1], din il-Qorti tat lill-imputat Conrad Bonnett zmien sas-27 ta' Jannar 2012 sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, pero mill-atti ma jirrizultax li din in-nota giet ipprezentata.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li m'humiex kontestati bejn il-kontendenti, huma s-segwenti:

1. Fit-18 ta' Novembru 2006 ghall-habta tas-1.15am, il-Pulizija ghamlu spezzjoni fil-fond kummercjali bl-isem AO Club, sitwat San Pawl il-Bahar.
2. Kif waslu fuq il-post kien hemm *security guard* fuq barra u il-bieb tal-bar kien maghluq u imsakkar, u l-Pulizija tawh ordni sabiex jiftah dan il-bieb, peress li l-bieb kellu switch minn barra, u s-*security guard* seta' jikkontrolla meta jiftah jew le.
3. Is-*security guard* fetah il-bieb, u kif dahlu gewwa l-Pulizija osservaw li fin-nofs tal-post kien hemm platform u kien hemm tfajla li qed taghmel *pole dancing*.
4. Kien hemm tfajla ohra bil-qieghda fuq sufan titkellem ma' xi klijenti u zewg tfajliet ohra kienu qieghdin magenb il-bar jitkelmu ma xi klijenti ohra. Kien hemm tfajla ohra fic-*changing room*. It-tfajliet kienu barranin. It-tfajla li kienet fic-changing room kienet liebsa hwejjeg ta' taht (panty u bra) blu. L-erba' tfajliet li kienu barra kienu libsin, wahda libsa sewda trasparenti, ohra bikini u pareo roza, u l-ahhar wahda bikini kannella.[2]
5. Ghall-inqas tlieta minn dawn it-tfajliet ikkonfermaw mal-Pulizija li huma kienu jahdmu bhala lap dancers fl-AO il-Qawra u kienu joqghodu bil-kera fi flat fuq dan l-istabbiliment, u kienu jithallsu ghas-servizzi taghhom minghand l-imputat Conrad Bonnett.[3]
6. L-imputat Conrad Bonnett kien ukoll prezenti, u informa lill-Pulizija li hu kien responsabbli ghal dan l-istabbiliment.
7. Il-fond hu licenzjat bhala bar u l-licenzja tghajjat lill-imputat John Bartolo, u bhala substitute kien hemm Daniel Schembri u l-imputat Conrad Bonnett.[4]

[1] A fol. 197 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-Ispettur Therese Sciberras a fol. 49 tal-process.
[3] Ara xhieda tal-Ispettur Therese Sciberras a fol. 50 tal-process.

8. Fl-20 ta' Ottubru 2005, is-socjeta AO Operations Limited applikat mal-ETC biex timpjega erba' (4) barranin f'Malta bhala pole dancers u animators. Din l-applikazzjoni giet irtirata. Iz-zewg applikazzjonijiet l-ohra gew rifjutati. L-applikazzjoni saret minn Daniel Schembri, direttur tas-socjeta.[5]
9. L-imputat Conrad Bonnet huwa self-employed bhala direttur ta' varji stabbilimenti fil-catering u entertainment sector, pero l-ETC m'ghandhomx record ta' liema huma dawn l-istabbilimenti.
10. L-imputat John Bartolo huwa self-employed direttur ta' Bartolo Woodturner Limited u dan sa mill-1977.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar Htija**

Din il-Qorti tibda biex tghid illi skont il-gurisprudenza stabbilita meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[6] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[7]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dak li kull wiehed mill-imputati qal fl-istqarrija u fix-xhieda taghhom fil-konfront tal-imputat l-iehor.

---

[4] Ara doc MC1 a fol. 77.
[5] Ara xhieda ta' Philip Bonnici a fol. 63 *et seq.* tal-process.
[6] *Per* Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano.
[7] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**

*L-Imputazzjonijiet fil-konfront tal-Imputat John Bartolo*

Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat John Bartolo. L-imputat Bartolo huwa l-licensee tal-AO Club in kwistjoni.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat,[8] Bartolo qal li hu jikri l-fond lil certu Daniel Schembri. Ghalkemm il-kontijiet tad-dawl u ilma jigu fuqu, hu jghaddihom lil Schembri biex jithallsu. Huwa Daniel Schembri li jhallsu l-post tal-kirja, ghalkemm jaf lil wiehed Conrad ghax gieli iltaqa' mieghu. Huwa jghid ukoll li hu jmur ghal flus tal-kirja *"il-Vanguard, kumpanija fil-Gzira."*

Fl-istqarrija tieghu qal li ma jiftakarx kemm ilu ma jersaq lejn il-fond in kwisjonti, ghax hu jmur biss meta jkun hemm xi hsara. Mistoqsi jekk jafx kif jopera dan il-post, wiegeb *"ezatt ma nafx, pero nismaghhom jghidu xi jkun hemm. ... ... jghidu li jkun hemm xi zeffiena."*

Ma kienx jaf li kien hemm numru ta' tfajliet jahdmu bla permess.

Din l-ahhar sena, Conrad kien itih il-flus tal-kera ta' xi nies li joqghodu fil-flats tieghu.

*L-Ewwel Erba' Imputazzjonijiet – attivita immorali*

L-ewwel erba' imputazzjonijiet huma l-aktar gravi u jikkoncernaw allegazzjonijiet li l-imputati zammew burdell jew dar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali ohra, u li hallew post jintuza ghal eghmil kontra l-ligi jew il-moralita pubblika.

[8] Ezebita bhala Dok TS a fol. 110 *et seq.* tal-process.

Fl-istqarrija tieghu,[9] l-imputat Conrad Bonett jghid li huwa *"manager, substitute u director"* tal-A.O. Club, u ilu jahdem hemm minn meta fetaha sentejn u nofs qabel. Hu jiddefinih bhala *Gentlemen's Club*, cioe club ghal irgiel ta' certu eta u l-attrazzjoni tal-Club huma t-tfajliet li janimaw il-post billi jizfnu zfin senswali *"ghal min irid iqisu hekk."*.

Fl-istqarrija tieghu,[10] l-imputat John Bartolo, li hu sid il-fond u l-*licencee*, qal li ma jiftakarx kemm ilu ma jersaq lejn il-fond in kwisjonti, ghax hu jmur biss meta jkun hemm xi hsara. Mistoqsi jekk jafx kif jopera dan il-post, wiegeb *"ezatt ma nafx, pero nismaghhom jghidu xi jkun hemm. ... ... jghidu li jkun hemm xi zeffiena."* Ladarba kien mhux biss sid il-fond, imma wkoll il-*licensee*, l-imputat Bartolo kellu interess dirett li jara u jinvestiga ghal x'hix kien qed jintuza l-fond u li l-fond ma jintuzax ghal skopijiet illegali. Ghalhekk, din il-Qorti mhix disposta li temmen li l-imputat Bartolo ma kienx jaf ghal liema attivitajiet qed jintuza l-post. Jekk sema' l-ghajdut, kif huwa stess ammetta li sema', il-Qorti hija perzwaza li Bartolo ghamel l-investigazzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant, ghal fini ta' l-ewwel erba' imputazzjonijiet, il-Qorti se tikkunsidra li Bartolo kien konsapevoli tal-attivitajiet li ghalih kien qieghed jintuza l-fond tieghu.

L-ewwel erba' imputazzjonijiet huma ibbazati fuq is-segwenti artikoli tal-ligi:

Artikolu 8 tal-Kapitolu 63 jippreskrivi:

*"(1) Kull min iżomm jew jeżerċita jew ikollu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn u multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87). ... ...*

*(3) Persuna titqies li għandha sehem fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, kemm-il darba hija*

[9] Ara Dok TS1 ezebit a fol. 113 *et seq.* tal-process.
[10] Ezebita bhala Dok TS a fol. 110 *et seq.* tal-process.

*tieħu sehem direttament jew indirettament minn xi qligħ ta' dak l-eżerċizzju jew tieħu parti attiva fl-eżerċizzju ta' burdell, dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom."*

L-Artikoli 9 u 10 tal-Kapitolu 63 ikomplu jippreskrivu hekk:

*"9. Kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xahar sa sitt xhur.*

*10. Is-sid jew kull min għandu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor li xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xahar sa sitt xhur."*

Ir-Regolament 7 tal-Avviz Legali 128 tal-2008 mahrug taht il-Kapitolu 409 imbaghad jippreskrivi illi: *"Operaturi ta' attivitajiet turistici ma ghandhomx ihallu li l-post taghhom f'xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew il-moralità pubblika."*

Fil-kontro-ezami tieghu, is-Supretendent Neville Aquilina qabel li fil-fond ma sabu xejn li ghandu x'jaqsam ma' burdell jew prostituzzjoni *per se*. L-allegazzjoni ta' reat kriminali tikkoncerna l-*pole dancing* u l-ilbies allegatament indecenti tat-tfajliet.[11] Ghalhekk, il-Prosekuzzjoni stess taqbel li fuq zamma ta' burdell u prostituzzjoni ma irrizulta xejn. Pero il-Prosekuzzjoni qed tishaq illi din l-attivita gestita fil-post in kwistjoni ta' l-hekk imsejha *Gentlemen's Club* li tinvolvi zfin ftit jew wisq sesswalment provokattiv minn tfajliet libsin *bikinis* jekk mhux hwejjeg ta' taht biss (*bra u panty*) tikkostitwixxi skop immorali ghal fini tal-Kapitolu 63 u tmur kontra l-moralita pubblika ai termini tal-Avviz Legali 128/2002.

F'kaz b'fattispecje simili ghal dak odjern, qamet il-kwistjoni jekk il-frazi *"ghal skopijiet ohra immorali"* fil-Kapitolu 63, tissodisfax r-rekwizit ta' *forseeability* taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, stante li skont l-imputati f'dak il-kaz, hemm nuqqas ta' certezza tal-ligi li taghmilha impossibbli li gudikant jiddeciedi jekk kemm-il darba l-eghmejjel li huma mixlijin bihom kienux

[11] Ara xhieda tas-Supretendent Neville Aquilina a fol. 46 tal-process.

tassew immorali jew le ghal fini tal-ligi. Fil-fatt saret riferenza ta' din il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li mis-sentenza taghha sar appell lill-Qorti Kostituzzjonali. Din il-kwistjoni tqanqlet ukoll fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti mill-abbli difensuri tal-imputati, ghalkemm fil-kaz odjen ma ntalbet li issir l-ebda riferenza kostituzzjonali.

Il-kaz, li din il-Qorti ghamlet riferenza ghaliha huwa **Il-Pulizija v. Frank Cachia et**, deciz fil-25 ta' Mejju 2012, fejn il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:

*"39. Fil-kaz in ezami l-akkuzi li ghandhom l-appelati huma li fl-istabbiliment* ***Maximus*** *tfajliet barranin, bi hwejjeg ta' taht biss (bras u panties) gew impjegati sabiex jaghmlu pole dancing, lap dancing u strip tease, anke shih, ghal klijenti bi hlas. Huma gew akkuzati wkoll li offrew servizz ta' zfin topless bi hlas. It-tfajliet kienu jghaddu l-qliegh minn dan is-servizz sesswali lil min kien impjegahom u huma jiehdu commission. L-appellati kienu l-intraprendituri li jorganizzaw dan it-tip ta' servizz.*

*40. Id-domanda hija, jista' gudikant, indipendentement mill-opinjonijiet personali u soggettivi tieghu, jiggudika jekk dawn l-atti li dwarhom l-appellati huma akkuzati, rigwardati oggettivament, jekk jirrizultaw pruvati, jitqiesu bhala atti li jikkostitwixxu r-reat ta' atti maghmula ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali. Jistghu l-appellati ragjonevolment jahsbu li ma kinux ser jittiehdu passi kontra taghhom taht dan il-kap meta huma joffru dan is-servizz ta' zfin ta' natura sesswali u/jew erotika b'nisa barranin kwazi gharwenin ghal kollox ghal udjenza komposta kwazi minn irgiel biss, anke f'kabini privati, u dan bi hlas ghal dawn is-servizzi sesswali.*

*41. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-frazi "atti immorali" f'dan il-kaz tissodisfa r-rekwizit ta' forseeability fil-kuntest tal-ligi kif inhi u fis-socjeta maltija u <u>gudikant ghandu l-parametri</u> biex ikun jista' jasal ghal konkluzjoni jekk lap dancing, pole dancing u strip tease (u mhux semplici zfin b'bikini imma "mimicking sexual acts on stage" b'nisa kwazi gharwenin) jammontawx ghal atti immorali ai termini tal-ligi taht il-Kap. 63"*

Fil-kaz odjern, din il-Qorti mhix imsejha biex tiddeciedi jekk l'hekk imsejjha *Gentlemen's Clubs* fl-astratt u l-varji attivitajiet u servizzi li jistghu joffru jikkostitwux atti immorali o meno.. Dak li ser tiddecidi din il-Qorti huwa jekk fil-kaz odjern is-servizzi li gew ippruvati li kien joffri l-AO Club jammontawx ghal atti immorali ai termini tal-ligi.

Kif diga inghad iktar il-fuq, meta sar ir-*raid* tal-Pulizija fil-lokal in kwistjoni, kien hemm tfajla wahda tizfen il-*pole dancing,* Kien hemm tfajla ohra bil-qieghda fuq sufan titkellem ma' xi klijenti u zewg tfajliet ohra kienu qieghdin magenb il-bar jitkelmu ma' xi klijenti ohra. Kien hemm tfajla ohra fic-*changing room.* It-tfajliet kienu barranin. It-tfajla li kienet fic-changing room kienet liebsa hwejjeg ta' taht (bra u panty) blu. L-erba' tfajliet li kienu barra kienu libsin, wahda libsa sewda trasparenti, ohra bikini u pareo roza, u l-ahhar wahda bikini kannella.[12]

Fl-istqarrija tieghu,[13] l-imputat Conrad Bonett stqarr li t-tfajliet *"jahdmu bhala animators li jfisser jzifnu pole dancing u lap dances. Dawn kienu jigu mhallsa mill-kumpanija AO Operations, li bazikament tikkonsisti minni u minn Daniel Schembri. Dawn kienu jigu mhallsa minn LM10 sa LM15 kull jum, jiddependi fuq il-ftehim verbali ta' bejnietna. ... ... Kellhom commission ta' 50c fuq kull drink li kienu jixtrulhom u fuq il-lap dances kienu jiccargjaw LM5, li minnhom kienu jiehdu LM2.50 u l-kumplament kienet tohodhom il-kumpanija."* Huwa nnega li kienu joffru xi tip ta' private functions jew private dances, u fil-fatt qal li ma kellhomx kmamar privati, pero s-sufani ghandhom il-purtieri biex dawn ikunu jistghu jaqsmu s-sufani. Huwa qal ukoll li it-tfajliet kienu jilbsu *"hwejjeg sexy bhal bikinis, hot pants etc. u fuqhom ikollhom xi libsa trasparenti."* In-naha t'isfel tal-qalziet tal-bikini ma jkunx kbir hafna. Il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova li dawn il-bikinis huma iktar imqaccta minn dawk li jintlibsu mit-tfajliet u nisa hdejn il-bahar jew swimming pools pubblici.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm xi minuri fil-post in kwistjoni meta sar ir-*raid* mill-Pulizija.

Lanqas irrizulta li dawn it-tfajliet zeffiena kienu qed jinzammu jahdmu fil-lokal kontra l-volonta taghhom, jew imgieghla jaghmlu xi haga kontra l-volonta taghhom. Dawn kienu jithallsu ghax-xoghol taghhom b'rata fissa kuljum, jiehdu *commission* fuq xorb li jinxtralhom u jaqsmu hlas mas-socjeta li kienet inkarigathom jekk jintalbu jizfnu ghal individwu jew individwi privatament.

Irrizulta wkoll li l-post in kwistjoni kien jinzamm maghluq u kien hemm *security guard* mal-bieb, biex ma jhallix lil kulhadd jidhol, u li dak li qed isir gewwa ma setghax jidher minn barra.

[12] Ara xhieda tal-Ispettur Therese Sciberras a fol. 49 tal-process.
[13] Ezebita bhala Dok TS a fol. 113 tal-process.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti taqbel hafna ma' dak li rriteniet din il-Qorti, diversament preseduta,[14] fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Jason Degiorgio**, deciza fl-14 ta' Frar 2008, fejn din il-Qorti irriteniet hekk:

*"Fin-nuqqas ta' tifsira ta' "skopijiet immorali", il-Qorti trid bil-fors b'analogija tesamina d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 63 u tara l-ambjent ta' "clubs" adulti f'dan l-isfond. Tajjeb li jigi osservat f'dan l-istadju li l-Ligi ma tipprojbix l-att sesswali fih innifsu bejn zewg adulti, anki jekk dan ikun bi hlas. Il-Kapitolu 63 jipprojbixxi, fost affarijiet ohra, it-tlajjar ghal dak l-iskop, it-tmexxija ta' burdell ghal dak l-iskop, l-isfruttar ta' persuni ghal dak l-iskop u l-qligh ta' flus minn dik l-attivita, izda mhux l-atti sesswali bejn mara u ragel li t-tnejn ikunu hekk iridu, anki jekk il-wiehed qed ihallas flus lill-ohra jew ihallas b'mod iehor. Allura l-"iskop immorali" ghandu jigi kkunsidrat fl-isfond tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 63. Mill-interpretazzjoni li din il-Qorti tista' taghti, il-Ligi tfittex li tipprotegi persuni li jigu assoggettati kontra l-volonta taghhom milli jaghmlu atti sesswali ma' terzi, u/jew l-flus li jithallsu ta' hekk jinghaddu lil haddiehor, lil min qed imexxiehom. L-immoralita allura ma tibqax biss izolata fuq l-att sesswali per se, izda li wiehed jisfrutta d-dghjufija ta' haddiehor u jzomm lil dik il-persuna dghajfa taht kontroll assolut tieghu. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti ghanda tara xi jfisser "skop immorali". Dan qieghed jinghad ukoll u jigi pprecizat peress illi fil-kamp penali ghandha dejjem tinghata interpretazzjoni restrittiva ta' kull kuncett li jkun, u ghalhekk l-iskop "immorali" ukoll irid jigi interpretat b'dan il-mod u f'dan l-isfond.*

*Fil-kaz ta' 'lap dancers' u 'pole dancers' x'ghandna. Ghandna ambjent ta' persuni adulti li konsenswalment jinku u jipprovokaw lil xulxin minghajr wisq intimita zejda, u bi hlas. Fil-fehma tal-Qorti, din l-attivita ma tinkwadrax ruhha fl-immorali f'dan is-sens, izda se mai tinkwadra ruhha f'loghob bin-nar b'ilbies protettiv – kemm wiehed jara u jmiss in-nar mill-qrib kemm jista' jkun minghajr ma jinharaq. F'dan l-ambjent ghandna zewg persuni, jew anki forsi iktar ilkoll flimkien, li qed jaghtu l-kunsens taghhom ghal ftit loghob li ma jwassal ghal imkien. Ma hemm xejn immorali b'daqshekk. Zgur li ma hemm xejn kontra l-ligi."*

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, l-ewwel erba' imputazzjonijiet ma jirrizultawx ippruvati.

[14] *Per* Magistrat Anthony J. Vella

*Il-Hames, is-Sitta u s-Seba' Imputazzjoni – Impjegar ta' Persuni barranin minghajr il-Permessi Necessarji*

Mix-xhieda ta' Philip Bonnici,[15] rapprezentant ta' l-ETC hadd mill-hames tfajliet ma kien impjegat mas-socjeta AO Operations Ltd. li hija s-socjeta li tiggestixxi l-fond in kwistjoni, ghalkemm din is-socjeta kienet ghamlet erba' applikazzjonijiet sabiex timpjega erba' (4) barranin bhala *pole dancers* u *animators*, izda minn dawn l-erba' applikazzjonijiet tnejn gew ceduti, u t-tnejn l-ohra gew irrifjutati. Id-direttur tas-socjeta li ffirma l-applikazzjoni kien certu Daniel Schembri.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li l-imputat John Bartolo huwa xi ufficcjal tas-socjeta AO Operations Ltd. jew li b'xi mod iehor impjega lil dawn it-tfajliet barranin, u ghalhekk huwa ser jigi liberat minn dawn it-tlett imputazzjonijiet ukoll.

Fil-kaz ta' l-imputat Conrad Bonett huwa pprezenta ruhu bhala l-manager tal-fond meta sar ir-*raid* mill-Pulizija. Fl-istqarrija tieghu, meta mistoqsi x'jaghmel fl-AO Club, huwa rrisponda *"Jiena manager, substitute u direttur"* pero ma specifikax l-isem tal-kumpanija li taghha hu direttur. Dwar l-impjieg tat-tfajliet qal hekk: *"Dawn hemm minnhom impjegati maghna u hemm minnhom self-employed. ... ... Dawn ikunu qed jahdmu ghal kumpanija ghalkemm self-employed. Id-differenza bejnithom hija li lis-self-employed nhallsu tas-servizzi u m'ghandhix x'naqsam rigward bolol etc. ... ... Huma jahdmu bhala animators li fisser jizfnu pole dancing u lap dances. Dawn kienu jigu mhallsa mill-kumpanija AO Operations li tikkonsisti minni u minn Daniel Schembri."* Mhux car jekk l-imputat Bonett qed jirreferi li hu azzjonist f'din is-socjeta jew ghandux kariga ufficjali.

Imbaghad fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat Bonett jghid li hu impjegat tas-socjeta AO Operations Ltd.[16] Pero, dan hu kontradett mix-xhieda ta' Philip Bonnici, rapprezentant tal-ETC, li xehed li l-imputat Bonett huwa direttur f'varji postijiet tal-*catering and entertainment sector*, pero fl-engagement form tieghu l-imputat Bonnett ma semmiex ismijiet.[17] Fil-fatt, l-*engagement form* tieghu

[15] Ara xhieda ta' Philip Bonnici a fol. 63 *et seq.* tal-process.
[16] Ara xhieda tal-imputat a fol. 160 tal-process.
[17] Ara xhieda ta' Philip Bonnici a fol. 67 tal-process, u l-*engagement form* tal-imputat Bonett ezebita bhala Dok P7 a fol. 69 tal-process

tghid precizament hekk: *“companies in which I am director/in the catering/entertainment sector (various).*

L-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249) jghid hekk: *“Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f’xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta’ persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f’dik il-kariga, tkun ħatja ta’ dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat:”*

Il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni huma ambigwi dwar il-posizzjoni tal-imputat Bonett fil-konfront tas-socjeta AO Operations Ltd., u l-Prosekuzzjoni naqset li ggib l-iktar prova kardinali f’dan ir-rigward u cioe l-istatut ta’ din is-socjeta.

F’dan l-istat tal-provi, il-Qorti ma tistax tghid li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputat Conrad Bonett kien direttur, manager jew ufficcjal iehor simili tas-socjeta AO Operations Ltd., u ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat Bonett hati tal-hames, sitt u seba’ imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, qed issib lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, u qed tilliberahom minnhom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------